## Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

## Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 1995/98 AJM

Kawza numru

George Debono, Joseph Zammit, Joseph Mifsud, Salvu Hili, Mario Micallef, Joseph Debono u Victor Fenech

Vs

Freeport Terminal (Malta) p.l.c.; Gaetu Vella bhala Segretarju Generali u in rappresentanza tal-Union Haddiema Maghqudin; Edmond Mallia u Jack Calamatta, bhala President u Segretarju Generali rispettivament u in rappresentanza tal-General Workers Union

Il-Qort,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-7 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettea illi permezz ta' ftehim datat 7 ta' Mejju 1996,

l-atturi dahlu fi ftehim mas-socjeta' Freeport Terminal (Malta) p.l.c. f'liema ftehim gew fost ohrajn regolati bosta aspetti u kondizzjonijiet tax-xoghol ta' l-istess atturi mas-socjeta' Freeport Terminal (Malta) p.l.c.; illi l-atturi kienu gew infurmati illi kienu inbdew proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali (Kaz Nru 1224) bejn il-Union Haddiema Maghqudin, il-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. u l-General Workers Union, u liema proceduri jirrigwardaw dan l-istess ftehim hawn fuq imsemmi, stante li t-tilwima titr atta xoghol li allegatament qed jinghata irregolarment lill-haddiema li m'mhumiex impjegati tal-Freeport Terminal; illi permezz ta' rikors ppresentat quddiem dan l-istess Tribunal Industrijali il-General Workers Union talbet li l-atturi ghandhom jintervjenu fil-proceduri pendenti quddiem l-istess Tribunal Industrijali; illi permezz ta' digriet moghti nhar il-5 ta' Gunju 1998 l-istess Tribunal Industijali cahad din it-talba tal-General Workers Union; illi permezz ta' rikors ippresentat quddiem dan l-istess Tribunal Industrijali l-atturi talbu li jintervjenu fl-istess proceduri pendenti quddiem l-istess Tribunal Industrijali; illi permezz ta' digriet moghti nhar it-23 ta' Settembru 1998 l-istess Tribunal Industrijali cahad din it-talba ta' l-atturi; illi l-imsemmi digriet imur kontra l-ligi u kontra l-principju tal-gustizzja naturali li l-istess Tribunal Industrijali hu tenut li josserva fil-proceduri quddiemu u dan anke a tenur ta' l-artikolu 31 tal-Kap 266 stante li l-attur mhumiex qeghdin jinghataw il-possibilita' li jippresebtaw il-kaz taghhom quddiem l-istess Tribunal Industrijali minkejja l-fatt li kull decizjoni li dan it-Tribunal Industrijali jista' jaghti ser tolqot direttament id-drittijiet tal-istess atturi; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara null u bla effett id-digriet tat-Tribunal Industrijali moghti nhar it-23 ta' Settembru 1998 billi hu bi ksur car tal-ligi u tal-principji tal-gustizzja naturali;

2. tiddikjara konsegwentement null u bla effett kull procedura fl-atti tat-Tribunal Industrijali fuq riferit sussegwenti ghal dan id-digriet.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-General Workers Union presentata fil-11 ta' Marzu 1999 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok trid issir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza peress li Edmond Mallia u Jack Calamatta m'ghandhomx jokkupaw il-kariga ta' President u Segretarju Generali rispettivament tal-General Workers Union u minflok jigu sostitwiti b'James Pearsall u Tony Zarb fl-imsemmija karigi rispettivament.
2. Illi fit-tieni lok l-eccipjenti jammettu t-talbiet attrici stante li d-digriet moghti fil-5 ta' Gunju 1998 mit-Tribunal Industrijali fil-Kaz 1224 imur kontra l-ligi u kontra l-principji tal-gustizzja naturali.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-istess General Workers Union.

Rat in-nota tal-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. presentata fit-23 ta' Marzu 1999 li permezz taghha eccepiet illi l-kumpanija eccipjenti, qabel it-talba tal-atturi li rrizultat fid-digriet tat-Tribunal Industrijali mertu ta' din il-kawza diga talbet il-kjamata in kawza tal-atturi liema talba ma gietx milqugha mill-istess Tribunal u ghaldaqstant il-kumpanija eccipjenti tirrimetti ruha ghad-decizjoni tal-Qorti b'dan pero' illi m'ghandhiex tehel l-ebda spejjes.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-istess kumpanija konvenuta.

Rat in-nota tal-Union Haddiema Maghqudin presentata fit-30 ta' April 1999 li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kollha kontra l-atturi stante:-

1. Illi in kwantu ghall-attur Victor Fenech, dan m'ghandux locus standi f'dawn l-odjerni proceduri stante illi jigi nnotat illi huwa lanqas ma huwa firmatarju ghall-istess ftehim msemmi fil-premessi ta' l-istess atturi u d-dikjarazzjoni maghmula minnhom.
2. Illi d-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali nhar it-23 ta' Settembru 1998 hija ekwa u gusta u timmerita konferma u ma hemm ebda raguni valida fil-ligi ghaliex ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett minn din l-Qorti.
3. Illi l-Union Haddiema Maghqudin hawnhekk konvenuta intavolat il-proceduri taghha quddiem it-Tribunal Industrijali kontra il-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. biss peress illi t-tilwiema industrijali kienet tezisti biss bejn il-Union esponenta bhala l-Union rikonoxxuta u l-azjenda msemmija.
4. Illi ghalkemm il-kwistjoni hija dwar xoghol li qed jaghmlu l-atturi jew uhud minnhom, pero' dan huma qed jaghmluh wara ftehim bejn il-General Workers Union u l-Freeport Terminal (Malta) p.l.c., hawnhekk ukoll konvenuta, u f'dan il-kuntest hija biss is-socjeta' imsemmija li ghandha tibqa' intimata fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali, dan kolli minghajr pregduizzju ghall-fatt illi giet imsejjha f'd'wn l-istess proceduri il-General Workers Union (GWU), li kienet ukoll firmatarja u l-parti l-ohra fil-ftehim de quo.
5. Il-qofol principali tal-kwistjoni kollha huwa fuq kollox jekk kelliex dritt l-azjenda hawnhekk konvenuta illi tiffirma ftehim mal-GWU

meta huwa ben risaput illi l-Union rikonoxxuta fuq il-kategorija tal-haddiema in kwistjoni hija biss il-UHM u l-UHM wahedha.

6. Illi dwar il-fatt illi l-atturi huma ukoll firmatarji tal-ftehim li sar bejn il-GWU u l-azjenda hawnhekk konvenuta, jinghad illi b'daqshekk dan ma jimmeritax illi huma jkunu jifformaw parti mill-proceduri, stante illi f'dak il-kaz il-GWU kienet qeghdha tidher ghan-nom u fl-interess taghhom u l-ftehim, mit-titolu tieghu sal-kontenut kollu jitkellem fuq zewg partijiet, ossia l-azjenda u l-GWU. L-inkluzjoni ta' l-atturi fil-proceduri 1224 quddiem it-Tribunal Industrijali jista' allura jitqies ukoll bhala precedent negattiv u jimmina s-sahha tal-Unions rappresentattivi tal-haddiema biex jirrapresentawhom fuq ftehim li jista' jsirminn zmien ghall-iehor ma' l-employers tal-membri taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-UHM.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-20 ta' Mejju 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-15 ta' Novembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Jannar 2000 meta giet ordnat l-allegazzjoni tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza bil-fakolta lill-partijiet jippresentaw noti ta' osservazzjonijiet.

Rat in-nota tal-atturi u dawk tal-Union Haddiema Maghqudin.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'digriet tal-5 ta' Gunju 1998 it-Tribunal Industrijali cahad talba maghmula mill-Freeport Terminal (Malta)) p.l.c. ghall-kjamata in kawza tal-atturi odjerni fil-proceduri pendenti quddiem l-istess tribunal. Din it-talba kienet saret flimkien ma talba ohra, li giet accettata, li jiddahlu fil-proceduri l-General Workers Union. In segwitu ghal dan l-atturi odjerni talbu li jinghataw il-fakolta' li jintervjenu f'dawk il-proceduri. Dana sar b'rikors ippresentat fit-2 ta' Lulju 1998 fejn, wara li ppremettew li huma, fis-7 ta' Mejju 1996, kienu dahlu fi ftehim mas-socjeta' Freeport Temrinal (Malta) P.l.c. fejn gew regolati bosta aspetti u kondizzjonijiet tax-xoghol taghha mal-imsemmija socjeta' u billi l-proceduri in kwsitjoni kien ser jkollhom effett fuq l-istess ftehim, talbu li jinghataw il-fakolta li jintervienu fil-proceduri.

B'digriet tat-23 ta' Settembru 1998 it-Tribunal Industrijali cahad din it-talba billi ddikjara li ma kienx jaqbel ma dak li kien qed jigi sottomess mill-istess rikorrenti inkwantu ma kienx jezisti l-interess guridiku tal-istess rikorrenti (atturi odjerni) stante li l-ftehim, suggett tal-kwistjoni quddiem it-Tribunal Industrijali, kien jikkoncerna biss il-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. u t-Taqsima Port u Trasport tal-General Workers Union kif jirrizulta mill-faccata tal-istess dokument u anke mill-preambolu tal-ftehim fejn issir referenza espressa ghaz-"zewg partijiet". It-Tribunal sostna fl-ahharnett li "M'hemm imkien indikat li l-haddiema li ffirmaw il-ftehim huma partijiet." U kkonkluda li "Il-firma taghhom ma tista' tinghata ebda sinifikat legali."

L-atturi qed joggezzjonaw ghal dan id-digriet u ghalhekk permezz ta' dawn il-proceduri qed jitolbu li dan jigi dikjarat null u bla effett billi hu bi ksur car tal-ligi u tal-principji tal-gustizzja naturali. Konsegwentement qed jitolbu li tigi dikjarata nulla u bla effett kull procedura fl-atti tat-Tribunal Industrijali sussegwenti ghal dan id-digriet.

Ikkunsidrat:-

It-Titolu XIV tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Procedura konsistenti fi tlett artikoli qosra jitkellem dwar l-ammissjoni fil-kawza ta' persuni godda meta jirrizulta interess guridiku. Dan jista' jsir jew fuq talba tal-parti interessata bhal meta wiehed jitlob li jintervjeni, jew fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet in causa jew b'ordni tal-istess Qorti, meta l-istess Qorti thoss il-htiega li parti ohra tissejjah fil-kawza. Din tissejjah "kjamata in kawza". Id-diferenza bejn "intervent" u "kjamata in kawza" hija wahda netta, billi fl-intervent il-parti interessata tigi ammessa fil-proceduri "in statu et terminis" u filwaqt li l-proceduri ma jigux sospizi kull gudikat fil-mertu ma jorbotx lill-intervenut. Ghal kuntrarju persuna li tissejjah fil-kawza issir parti integrali minn dawk il-proceduri, tigi kunsidrata bhala konvenut, jkollha d-dritt li taghmel eccezzjonijiet u finalment it-talba tigi akkordata jew michuda fil-konfront taghha daqs li kieku kienet konvenut originali.

Bid-digrieti fuq imsemmija jidher li t-Tribunal Industrijali kien tal fehma li l-atturi odjerni la ghandhom l-interess guridiku li jifformaw parti fil-proceduri quddiemu bhala "parte in causa" u lanqas li joqghodu bhala intervenuti – dan billi skond l-istess tribunal l-ftehim tas-7 ta' Mejju 1996 kien jikkoncerna biss zewg partijiet. Ic-cahda tat-talba ghal kjamata in kawza ma tifformax mertu ta' dawn il-proceduri billi ukoll l-istess talba

ma kienetx saret mill-atturi odjerni u ghalhekk ma jistghux jitolbu revoka ta' tali digriet. L-unika kwistjoni hija dik tal-intervent mitlub mill-atturi odjerni.

Biex din il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha kellha tezamina l-mertu tat-tilwiema, l-kuntratt in kwistjoni kif ukoll ix-xhieda li gew mressqa mill-partijiet u dana sabiex tisabilixxi jekk l-atturi ghandhomx interess fil-proceduri quddiem it-Tribunal u konsegwentement jekk kienux jimmeritawx li t-talba taghhom tigi milqugha.

B'ittra tal-20 ta' Frar 1998 mibghuta mill-Ministeru tal-Harsien Socjali it-Tribunal Industrijali ingieb a konoxxenza u intalab jiddecidi fuq tilwiema ta' xoghol bejn il-Union Haddiema Maghqudin (UHM) u l-Malta Freeport Corporation. Jinghad fl-istess ittra li l-mertu kien "dwar xoghol li qieghed jinghata mill-Kumpanija lill-haddiema tal-Port." Fil-qosor jidher li l-kwistjoni kollha qamet ghaliex filwaqt li l-UHM kellha gharfien ewlieni ghall-haddiema industrijali kollha fil-Freeport (hlief ghal dawk ta' l-engineering department fejn kellha rappresentanza komuni mal-GWU) u b'hekk kienet innegozjat "collective agreement" mal-istess kumpanija, irrizulta li l-istess kumpanija kienet qedha timpjega numru ta' nies ohra barra mill-"collective agreement" u, skond l-istess UHM, kontra l-klawsoli ta' dan il-ftehim kollettiv. Dan il-ksur kien qed isir permezz tal-ftehim tas-7 ta' Mejju 1996. Kien ghalhekk li fl-"statement of case" l-UHM talbet li jigi deciz mit-Tribunal Industrijali "li l-Freeport p.l.c. mhuwiex liberu li jidhol f'xi ftehim jew relazzjoni kuntrattwali li permezz ta' hekk ihaddem haddiema fuq xoghol li huwa kopert bil-Ftehim Kollettiv ghax kull ftehim jew relazzjoni kuntrattwali dwar xoghol u/jew kundizzjonijiet tax-xoghol jistghu jsiru biss mal-Union rikonoxxuta."

Naturalment il-konsiderazzjoni ta' din it-talba tispetta biss lit-Tribunal Industrijali u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu taghha. Izda ghandu jinghad li l-parametri tat-talba kif proposta mill-UHM bilfors li jikkoncernaw intimament biss lill-partijiet li jissemmew fl-ittra tal-Ministeru tal-Harsien Socjali. Dan billi jried jigi determinat, fl-ambitu tal-"Ftehim Kollettiv" milhuq bejn dawk l-partijiet u fir-retroxena tal-gharfien ewlieni tal-UHM bhala rappresentanta tal-haddiema tal-Freeport, jekk il-ftehim tas-7 ta' Mejju 1996 kienx permess jew le. Sa hawn din il-Qorti taqbel mal-provediment moghti mit-Tribunal Industrijali meta cahad it-talba ghal kjamata in kawza.

Izda jigi rilevat li certament l-atturi odjerni ghandhom dak l-interess li jidhru fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali fuq imsemmija u dana mhux ghaliex semplicement iffirmaw il-kuntratt fuq imsemmi, izda jidher ukoll mix-xhieda ta' Alfred Aquilina, id-Deputy Chairman tal-Freeport, li t-trattativi li waslu ghal dak il-ftehim saru principalment mal-istess haddiema u li l-Gerneral Workers Union kienet biss hadet sehem inkwantu hija l-union li tirrapresenta l-haddiema tal-Port. Izjed minn hekk pero' din il-Qorti tara li l-atturi ghandhom interess fl-ezitu tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali billi kull decizjoni li tista' tittiehed sejra b'xi mod jew iehor tolqothom intimament. Certament dawn jigu influwenzati jekk l-ezitu tal-proceduri quddiem it-Tribunal jkunu favur it-tezi tal-UHM. Ghalhekk jidher li l-presenza taghhom fil-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali hija mehtiega sabiex jaraw li dak li huma ikkuntrattaw mal-Freeport jigi onorat u mhux imwarrab.

Illi finalment dwar in-nuqqas ta' interess ta' Victor Fenech din il-Qorti ma thoss li ghandha tiddecidi billi dan jispetta lit-Tribunal Industrijali li,

wara li jezamina l-fatti kollha, jiddecidi jekk verament dan ghandux interess li jifforma parti fil-proceduri quddiemu.

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti tiddikjara null u bla effett id-digriet tat-Tribunal Industrijali moghti fit-23 ta' Settembru 1998 billi sar bi ksur tal-ligi u tal-principji tal-gustizzja naturali. B'dana kollu in vista ta' dak li inghad fuq dwar l-effetti tal-intervent fil-kawza ta' persuna estranea, tichad it-tieni talba.

Fic-cirkostanzi l-qorti tipprovdi dwar l-ispejjes billi tordna li dawn ghandhom jithallsu kwantu ghall-nofs mill-atturi u kwantu ghan-nofs l-iehor mill-Union Haddiema Maghqudin.

Onor Imhallef Albert J. Magri